MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-6 ta' Dicembru, 2011

Appell Civili Numru. 917/2009/1

**Avviz Numru: 917/09/MK**

**E.L.V. Engineering Services Limited (C18028)**

**vs**

**Johann Said (K.I.Nru 309470M)**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Illi fl-13 ta' Mejju 2011 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti decizjoni fl-ismijiet premessi: -

***"It-Tribunal,***

*Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlasta' elfejn, seba' mija sebgha u tmenin ewro u wiehed u sebghin centezmu (€2,787.71) inkluzi VAT*

*rapprezentanti bilanc ta' prezz pattwit ta' apparat ta' sigurta' u l-istallazzjoni tal-istess, mibjugh u kkunsinjat mis-socjeta' attrici lill-konvenut.*

*Minkejja diversi interpellanzi ghall-hlas tal-istess somma, il-konvenut baqa' inadempjenti.*

*Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra gudizzjarja datata 26 ta' Awwissu, 2009 u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.*

*Ra r-risposta tal-konvenut fejn eccepixxa li fl-ewwel lok it-talba attrici hija preskritta ai termini tal-artiklu 2148 (b) tal-Kodici Civili.*

*Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi respinta bl-ispejjez, stante illi bl-ebda mod m'hu dovut xi hlas lis-socjeta' attrici mill-intimat, kif jista' jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.*

*Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali ta' respinsjoni ta' l-esponenti tal-14 ta' Settembru 2009.*

*Ra d-dokumenti kollha pprezentati in atti.*

*Sema' u ra x-xhieda ta' Johan Said, Denise Mifsud, Anthony Buttigieg, Sonia Said u Steve Bugeja.*

*Ra li fis-seduta tad-19 ta' Mejju 2010 giet irtirata l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni u ghalhekk it-Tribunal ha jghaddi sabiex jikkunsidra l-mertu tal-kawza.*

*Sema' t-trattazzjoni tal-partijiet.*

***Ikkunsidra:***

*Illi mill-provi attrici jirrizulta li skont Anthony Buttigieg li huwa r-rapprezentant tas-socjeta' attrici, din it-talba hija dwar hlas rapprezentanti sistema ta' sigurta' mibjugha u installata fir-residenza tal-konvenut fuq ordni stess tieghu*

*u taht is-supervizzjoni tax-xhud. Illi din is-sistema giet installata mis-socjeta' attrici fin-nofs tal-2007 u kienu twahhlu tliet tipi ta' security systems. Jirrizulta li s-socjeta' attrici kienet wahhlet sistema ta' CCTV, internal security system u video hall porter system. Illi wara li kienu gew kompletati parti sostanzjali tax-xoghlijiet il-konvenut kien hallas depozitu ta' hames mitt Lira Maltin (Lm500) ta' dak iz-zmien u cioe elf, mija erbgha u sittin ewro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69). Ftit wara dan il-hlas ix-xoghlijiet gew kompletati u f'Settembru, 2007 s-socjeta' attrici bghatet lill-konvenut il-fattura ghax-xoghlijiet. Intqal illi ghal habta tal-bidu tal-2008 l-konvenut avvicinah u talab illi jinbidlu xi parts fis-sistema li kienu nstallaw. Is-socjeta' attrici ma kinetx marret tbiddel dawn il-parts ghaliex ippretendiet li l-ewwel tithallas ghax-xoghijiet li kienet ghamlet. Ix-xhud qal illi l-ilment tal-konvenut ma kienx jiswa' iktar minn tliet ewro (€3) parts sabiex jissewwa.*

*Skont Buttigieg li huwa r-rapprezentant tas-socjeta' attrici qal illi x-xoghlijiet kienu gew ezegwiti sewwa u qatt ma kellu lment min naha ta' Johann Said tul s-sentejn wara li gew installati x-xoghlijiet, hlief ghall-ilment dwar infra red camera wahda. Intqal illi t-tiswija ta' din il-camera, ma kinetx ser tiswa' iktar minn tliet ewro (€3) u ghal dan l-ammont il-konvenut zamm il-pagamenti ghax-xoghlijiet kollha li kienu sarulu mis-socjeta' attrici. Skont l-istess xhud ma jiftakarx jekk kienx hemm hand over u commissioning tas-sistema. Ikkonferma li twahhlu erba' settijiet tal-intercom, zewg handsets fil-landing, hall porter fil-kcina u fil-kamra tas-sodda li dawn tal-ahhar ukoll kellhom maghhom monitor. Spjega ukoll kif il-video hall porter kien tqieghed wara l-bieb peress illi barra mill-bieb kien hemm kancell mall-periferija tad-dar u kien issugerixxa li jittiehed is-sinjal mill-camera tas-CCTV.*

*Spjega wkoll illi ghalkemm kienu nstallaw erba' infra-red cameras, setghu jigu nstallati biss tliet monitors ghal dawn il-cameras. Dawn il-monitors huma konnessi mall-hall porter system mis-CCTV cameras u b'hekk il-konvenut spicca bi tliet images u mhux b'erba'. Spjega wkoll kif jekk il-konvenut ried jara l-erba' images kellu ta' bil-fors*

*jinstalla monitor separat sabiex juri dak li kien qieghed jigi trasmess mis-CCTV cameras kollha kif ukoll sabiex l-erba' immagini jkunu kollha rrekordjati. Izda l-konvenut kien qallu li ddecieda li ma jordnax dan il-monitor ghaliex seta' juza skart system li jista' ukoll jitwahhal mat-televixin. Illi dan il-monitor kien bzonnjuz jekk kemm-il darba l-konvenut ikun irrid jirrekordja l-images. Illi skont Buttigieg, ix-xoghlijiet gew maghmula fuq ordni tal-konvenut. Illi kif giet imwahhla s-sistema l-konvenut, kellu biss il-fakolta` li jara direttament mis-CCTV camera fuq tliet monitors li kienu mall-video hall porter li kien twahhal mall-bieb ta' barra, il-kamra tas-sodda u l-kcina. Qal ukoll illi huwa qatt ma kien sema' b'xi lmenti min-naha tal-konvenut hlief quddiem dan it-Tribunal u hief ghal diode fl-infra red camera li kienet tiswa' €3. Buttigieg spjega lit-Tribunal kif is-sistema li kienet twahhlet fir-residenza tal-konvenut kienet twahhlet ghas-sodisfazzjon tieghu. Illi dwar l-ilment min naha tal-konvenut li l-hall-porter kien ha jiftah il-kancell biss, qal illi l-konvenut kien accetta li jsir hekk ghaliex kien jaf il-limitazzjonijiet tas-sistema. Spjega wkoll illi dwar is-sistema ta' tliet cameras u mhux erba' li dwarhom kien qieghed jilmenta llum il-konvenut, stqarr illi Said qatt ma kien semmielu xejn, kemm meta tlestew ix-xoghlijiet kif ukolll immedjatament wara.*

*Illi mill-provi attrici rrizulta li l-ammont mitlub fit-talba sallum ghadu dovut u l-konvenut dejjem kien qal illi ser ihallas.*

*Mill-provi tal-konvenut jirrizulta li huwa kien hallas issomma ta' hames mitt lira Maltin (LM500) ta' dak iz-zmien u cioe' elf, mija u erbgha u sttin ewro u disgha u sttin centezmu (€1164.69) (Dok JS1 a fol. 16) fid- 9 ta' April 2007. Il-konvenut ikkonferma l-fattura ezebita a fol 25 fis-somma ta' elfejn tmien mija tnejn u hamsrin ewro u erbgha u erghbin centezmu (€2,852.44) izda qal illi din is-sistema ma kinetx qed tiffunzjona skont kif ftiehmu l-partijiet.*

*Qal ukoll illi huwa qatt ma kien ircieva l-fatturi u/jew statements li gew ezebiti in atti u dejjem ippretenda li Tony Buttigieg kien ser jikkompleta x-xoghlijiet li ma kienx*

*spicca fir-residenza tieghu qabel ma jhallas. Il-konvenut ikkonferma li s-socjeta' attrici kienet installat sistema ta' alarm, erba' cameras u intercom. Dejjem skont il-konvenut qal illi huwa ried infra red cameras ghal sorvejlanza bil-lejl u spjega kif fil-fatt dawn il-cameras ma juru xejn fid-dlam. Qal ukoll illi ma fehmx ghaliex Buttigieg kien wahhal erba' cameras meta kien hemm tliet monitors biss fil-video hall porter. Meta kien staqsa lil haddiema teknici li kienu qieghdin iwahhlu dan ix-xoghol, spjegawlu illi ma kienux jezistu intercoms b'iktar minn tliet cameras. Ilment iehor min-naha tal-konvenut kien illi l-intercom kien jiftah biss il-kancell u mhux il-bieb ta' barra. Il-kovenut kompla jghid illi sabiex huwa jirrimedja s-sistema u jgibha tiffunzjona kif kien miftiehem bejniethom ghandu jgib l-erba' cameras jahdmu u jinsisti li jkun jista' jiftah il-kancell kif ukoll il-bieb ta' barra mill-kamra tas-sodda u l-kcina. Ghal dawn ix-xoghlijiet huwa kellu jghaddi rewiring gdid f'certi postijiet. Spjega ukoll ir-raguni ghaliex kien beda proceduri kontra s-socjeta' attrici ghax-xoghlijiet rimedjali 'l fuq minn sena wara li s-socjeta' attrici kienet fethet il-kawza kontra tieghu ghal hlas tax-xoghlijiet li kienet ghamlet. Qal illi minkejja li huwa dejjem issokta jilmenta mas-socjeta' attrici dwar dawn in-nuqqasijiet, is-socjeta' attrici qatt ma avvicinatu sabiex tirrimedja dawn id-difetti. Qal illi huwa kien jilmenta mas-socjeta' attrici dejjem fuq it-telefon izda qatt ma baghat xejn bil-miktub. Spjega kif huwa ma kienx ried ihallas il-fattura mibghuta mis-socjeta' attrici ghaliex dehrlu li x-xoghlijiet ma kienux saru skont is-sengha u l-arti. Rigward is-sistema ta' l-alarm spjega kif sal-lum din is-sistema ma tahdimx ghaliex s-socjeta' attrici qatt ma tatu l-kodici tas-sistema ta' l-alarm u ghaldaqstant ilu tliet snin ma jaghmel uzu minn dan l-alarm. Spjega wkoll kif ghalkemm ghandu sistema ta' CCTV ma jafx jekk din is-sistema hijiex kapaci tirrekordja ghaliex hadd min-naha tas-socjeta' attrici ma kien mar ghandu, jigifieri ghand il-konvenut, sabiex jigu kummissjonati x-xoghlijiet li kienu gew installati minnha u ghalhekk m'huwiex f'pozizzjoni jghid jekk jirrekordjawx jew le. Qal ukoll illi huwa kien segwa x-xoghlijiet waqt it-twahhil ta' din is-sistema ghaliex kien jinsab fil-fond. Qal ukoll illi huwa kien talab lis-socjeta' attrici sistema ta' hall porter jew intercom flimkien ma'*

*erba' CCTV cameras u riedhom illi dawn jithaddmu kollha flimkien.*

*Xehdet mart il-konvenut fejn ikkonfermat il-lokazzjonijet tas-sistemi li gew installati f'darha. Spjegat kif ghalkemm hemm camera quddiem il-bieb ta' barra huma ma jistghux jaraw minn hemm. Spjegat ukoll kif hija ma kinetx sodisfatta mis-sistema ta' sorveljanza li kienet giet installata u stqarret illi ma' nzul ix-xemx huma ma jaraw xejn minn dawn il-cameras. Spjegat kif permezz tal-intercom jinfetah biss il-kancell u mhux il-bieb ta' barra. Rigward l-istess bieb ta' barra spjegat illi dan jinfetah manwalment fil-post u mhux bl-intercom. Qalet ukoll illi s-sistema tal- video hall porter hija difettuza ghaliex xi drabi turi glitches fuq l-iscreen. Dwar is-sistema tal-burglar alarm qalet illi ghalkemm l-alarm huwa installat ma tifhimx fih u ma tafx meta jkun xeghlu jew le, zewgha. In kontro-ezami xehdet illi l-alarm system gieli ghamlu uzu minnu. Ikkonfermat ukoll illi hija ma kinetx prezenti meta zewgha kien ftiehem mas-socjeta' attrici dwar x'kellu jigi installat fir-residenza taghhom.*

*Sema' lil Steve Bugeja l-bniedem tekniku li l-konvenut kien qabbad jippreparalu l-infrastruttura u wiring ghas-sistemi elettrici f'daru. Dan ix-xhud spjega kif il-cameras li gew installati ma kienux cari bizzejjed u ddeskriva kif bniedem minn barra mhux facilment jingharaf mill-monitors tal-video hall porter u fid-dlam il-cameras ma juru xejn. Ikkonferma li kienu twahhlu tliet cameras li jahdmu minn fuq l-intercom. Ikkonferma wkoll illi l-bieb tad-dar ma kienx jinfetah mill-intercom. Spjega kif l-intercom kien jiftah biss il-kancell ta' barra. Huwa kien ikkonstata wkoll difett fl-intercom ghaliex l-iscreen kien jinfetah biss jekk il-buttuna tinghafas ghal darbtejn. Wara li spezzjona dawn ix-xoghlijiet huwa kien ta' parir lill-konvenut illi x-xoghlijiet rimedjali kien ser jiswewlu bejn tliet elef ewro (€3,000) u tliet elef u hames mitt ewro (€3,500) sabiex is-sistema ta' sorveljanza u intercom tithaddem kif xtaq il-konvenut. In kontro ezami xehed illi huwa jaf lil Anthony Buttigieg sewwa ghaliex gieli hadem mieghu u gieli wkoll jixtri xoghol minghandu. Ix-xhud qal illi huwa technician u ghandu certifikat tal-HTD. Jahdem ukoll bhala electrician*

*u huwa kompetenti jinstalla CCTV cameras. Spjega kif huwa kien prezenti meta kien qieghed isir il-ftehim ghax-xoghlijiet bejn il-partijiet ghaliex il-ftehim kien sar fil-fond ta' Said waqt illi huwa kien qieghed jghaddi x-xoghol tal-elettriku fl-istess fond. Spjega wkoll kif huwa kien lesta sistemi ta' wiring ghall-erba' cameras li setghu jintuzaw wehedhom jew ma apparat televiziv. Qal ukoll illi l-infrastruttura li huwa kien ipprepara kienet tippermetti li CCTV seta' jidher kemm fuq video hall porter, jew televixin jew fuq monitor jew laptop.*

*It-Tribunal ra d-Dok "AB 5" a fol. 25 li jirraprezenta s-servizz rez mis-socjeta' attrici. Illi skont dan id-dokument datat l-14 ta' April, 2007 is-socjeta' attrici kienet installat DVR 4 Channel, Power Supply, Hard disk, erba' infra red cameras, zewg joint boxes, trunking' bil-qies ta' 25m x25mm u hall porter unit. Ra li fid-9 ta' April, 2007 gew imhallsa Lm500 ta' dak iz-zmien u cioe' €1164.69 (Dok "JS 1" a fol.16). Ra li fil-5 ta' Settembru, 2007, is-socjeta' attrici kienet harrget fattura numru R974149 (Dok "AB 4" esebita a fol. 24) ghax-xoghlijiet imsemmija fil-job description form a fol 25. Illi l-ammont tal-fattura ghax-xoghlijiet ezegwiti minnha fir-residenza tal-konvenut kienet fis-somma ta' Lm1,224.51 ta' dak iz-zmien u cioe' €2,852.34. Illi ma jirrizultax lit-Tribunal li kienu gew imnaqqsa Lm500, depozitu mhallas mill-konvenut fid-9 ta' April 2007 u ma jidhirlux lit-Tribunal illi kien hemm ebda kontestazzjoni dwar dak il-hlas min-naha tas-socjeta' attrici. Dak li izda rrizulta mid-dokumenti ezebiti in atti mis-socjeta' attrici li fid-9 ta' April 2007 huwa li kien sar part payment mill-konvenut fis-somma ta' €64.69.*

*Wara li sema' u ra l-provi kollha, t-Tribunal huwa sodisfatt illi l-partijiet kienu jafu lil xulxin ghal circa tmien snin u li bejniethom kien hemm relazzjoni ta' xoghol tant illi s-socjeta' attrici ma dehrilhiex li ghandha tohrog stima tax-xoghlijiet ghaliex skont is-socjeta' attrici, l-konvenut kien a konoxxenza tal-prezzijiet. Illi rrizulta car illi kien hemm certu fiducja bejn il-partijiet tant illi mhux biss is-socjeta' attrici ma hargitx stima izda l-fattura ntbaghtet lill-konvenut hames xhur wara li kienu tlestew ix-xoghlijiet. Illi hija l-fehma tat-Tribunal illi normalment sistema ta' sorveljanza*

*u ta’ intercom bhal dik installata fir-residenza tal-konvenut tkun prezentata lill-kijent bi pjanta u diagrams tas-sistema kollha. It-Tribunal huwa wkoll tal-fehma li s-socjeta’ attrici kellha, malli kkompletat l-istallazzjoni tas-sistema, taghmel function test u taghti a proper hand over billi tikkummissjona x-xoghlijet. Irrizulta lit-Tribunal illi dan ma sarx. Illi mill-provi attrici irrizultaw biss stampi ta’ sistemi li gew installati li gewipprezentati mis-socjeta’ attrici in atti. Illi t-Tribunal jidhirlu wkoll li meta l-konvenut hallas depozitu ma kien hemm ebda spjegazzjoni ghal x’hiex kien qieghed ihallas izda rrizulta li dan l-ammont kien gie mhallas bhala part payment tax-xoghlijiet li kienu ha jsiru. Izda minkejja dan, is-socjeta’ attrici kienet nizzlet ammont ferm inqas bhala part payment.*

*It-Tribunal m’ghandux dubju li l-konvenut kien taht l-impressjoni li x-xoghlijiet li kienet ghamlet is-socjeta’ attrici kienu gew pacuti b’xoghol iehor ta’ bejniethom u ghaldaqstant kien dehrlu li ma kellux ghalfejn jhallas. Min-naha tas-socjeta’ attrici l-fatt illi kienet damet hames xhur sabiex tibghat il-kont huwa indikattiv illi bejn il-partijiet kien hemm ftehim iehor. Izda gara li f’Settembru 2007 is-socjeta’ attrici bghatet il-fattura kif ukoll statements lill-konvenut li huwa qal li qatt ma kien ircieva.*

*Mill-provi, t-Tribunal huwa sodisfatt illi bejn il-partijiet kien hemm fiducja reciproka sa Settembru 2007.*

*Illi fil-fehma tat-Tribunal, il-pern ta’ din il-kawza huwa x’kien il-ftehim li kien hemm bejn il-partijiet qabel ma bdew ix-xoghlijiet.*

*It-Tribunal, quddiemu ghandu zewg verzjonijiet kontrastanti u sabiex jasal ghall-konkluzjoni gusta u ekwa huwa ha jkollu jgharbel sewwa l-provi kollha migjuba quddiemu.*

*Illi filwaqt li rrizulta li min naha wahda l-konvenut kien taht l-impressjoni li minhabba r-relazzjoni ta’ xoghol ta’ bejniethom huwa ma kienx ha jkollu ihallas ghall-istallazzjoni tant li ma kienx insista ghal-hand over u ghall-ikkummissjonar tas-sistema, mill-banda l-ohra s-socjeta’*

*attrici kienet traskurata meta ghazlet li ma tipprezentax lill-klijent stima bi pjanta tax-xoghlijiet sabiex il-klijent japprova x-xoghlijiet.*

*Illi dwar l-installar tas-sistema, it-Tribunal ma jifhimx ghaliex is-socjeta' attrici ghazlet li tinstalla erba' cameras meta l-video hall porter kien jiehu tliet cameras biss. Ghalkemm sema' lis-socjeta' attrici tispjega li hija kienet wessiet lill-klijent illi sabiex jahdem b'erba' cameras il-konvenut kellu jwahhal monitor separatament, haga li l-konvenut qal illi ma kienx ordna ghaliex huwa kien ordna video hall porter b'erba' cameras. Illi min-naha tal-konvenut huwa zbalja ukoll meta dehrlu ma jilmentax bil-miktub ghax-xoghlijiet li ma kienux gew ezegwiti skont kif xtaq u lanqas qatt ma talab formalment illi jinghata hand over u kkummissjonar tas-sistema. Huwa car illi l-klijent webbes rasu u ddecieda li ma jhallasx ghaliex qal illi ma kienx sodisfatt mill-installazzjoni u ried illi x-xoghlijiet isiru sewwa, izda hija l-fehma tat-Tribunal illi dan l-agir ma jirriflettix sewwa fuq il-konvenut. Illi lanqas ma jirrifletti sewwa fuq il-konvenut, il-fatt li qatt m'interpella lill-attur sabiex jaghmillu x-xoghlijiet rimedjali u halla l-kawza ghall-hlas tibda sabiex huwa jipprocedi kontra s-socjeta' attrici ghal hlas tax-xoghlijiet rimedjali. Illi nuqqas iehor jirrizulta mix-xhieda ta' Steve Bugeja, tekniku li ngab in sostenn tal-provi tal-konvenut rigward ix-xoghlijiet rimedjali fejn huwa semma cifra ghax-xoghlijiet rimedjali li kienu ha jigu jiswew lill-konvenut bejn €3000 u €3500 minghajr ma pprezenta prospett jew stima dettaljata ta' x'kellhom ikunu dawn ix-xoghlijiet. Illi ghalkemm it-Tribunal jemmen lil Steve Bugeja meta qal illi x-xoghol ma kienx komplut, huwa qatt ma ta' spjegazzjoni cara tax-xoghlijiet rimedjali hlief illi kellu jsir cert wiring li d'altronde t-Tribunal jifhem illi dan il-wiring kien diga lestieh Bugeja meta kien istalla l-infrastrutttura fil-bidunett.*

*Illi rigward l-ilment dwar il-burglar alarm min-naha tal-konvenut, it-Tribunal jsostni li skont mart il-konvenut din is-sistema gieli intuzat minn zewgha izda qatt m'involviet ruhha fit-teknika ta' kif tithaddem u ghaldaqstant, it-Tribunal jemmen illi mart il-konvenut ma kinetx taf jekk l-alarm kien jahdimx jew le.*

*It-Tribunal quddiemu ghandu talba ghal-hlas ta' xoghlijiet inkorsi mis-socjeta' attrici li ma thallsux mill-konvenut. Illi x-xoghlijiet saru izda lit-Tribunal jidhirlu li ma sarux ghas-sodisfazzjoni tal-klijent u li kien jonqsu xi sistemi ohra sabiex din is-sistema tithadem kif suppost. Izda l-istess konvenut qatt ma gharraf bil-miktub lis-socjeta' attrici, bl-ilmenti tieghu u kif kien ha jipprocedi kontra s-socjeta' attrici jekk kemm-il darba x-xoghlijiet rimedjali ma kienux ser isiru mis-socjeta' attrici.*

*Illi n-nuqqas serju tas-socjeta' attrici huwa li qatt ma harget pjanta ta' kif kien ha jsir ix-xoghol bl-approvazzjoni mill-klijent. Illi nuqqas serju wkoll kien illi s-socjeta' attrici ma tatx hand over tas-sistema u lanqas ma ghamlet function test u kkummissjonat is-sistema li hija kienet responsabbli ghaliha.*

*Illi lit-Tribunal jidhirlu li dawn in-nuqqasijiet jirriflettu hazin fuq iz-zewg partijiet. Izda ai fini ta' din it-talba t-Tribunal ihoss illi s-socjeta' attrici ppruvat illi hija kienet ghamlet certu xoghlijiet u li ghandha tithallas ta' dawn ix-xoghlijiet li sallum baqghet ma thallsitx ghalihom. Izda t-Tribunal ma jhossx illi s-socjeta' attrici timmerita l-akkoljiment tal-ammont kollu mitlub minnha. L-ewwelnett irrizulta mill-provi*
*li d-depozitu ta' elf, mija erbgha u sittin ewro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69) imhallas mill-konvenut fid-9 ta' April 2007 ma tnaqqasx hlief ghal erbgha u sittin ewro u disgha u sittin centezmu (€64.69) bhala part payment. Ghaldaqstant, it-Tribunal ma jidhirlux illi l-konvenut ghandu ghalfejn ihallas l-ammont ta' elf u mitt ewro (€1100) li huwa l-ammont li jirrizulta wara li titnaqqas is-somma ta' erbgha u sittin ewro u disgha u sittin centezmu (€64.69) minn elf, mija erbgha u sittin ewro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69) depozitu. Illi t-Tribunal huwa sodisfatt illi n-nuqqas tas-socjeta' attrici li ma taghtix hand over u li ma taghmilx commissioning testing huwa nuqqas serju li ghandu jittiehed in kunsiderazzjoni mit-Tribunal. Illi t-Tribunal ma jidhirlux li x-xoghol kien ikkompletat mis-socjeta' attrici u sabiex ix-xoghol ikun kompletat kif suppost l-konvenut bil-fors ser ikollu jidhol fi spejjez akbar*

*izda dawn l-ispejjez m'ghandhomx ikunu attribwiti lis-socjeta' attrici. Illi ghax-xoghlijiet li saru t-Tribunal jidhirlu li s-socjeta' attrici ghandha tithallas izda mhux fl-ammont mitlub. Ghalhekk wara li titnaqqas is-somma ta' elf u mitt ewro (€1,100) tad-depozitu mhallas mill-konvenut u wara li jitnaqqas ammont ragonevoli bhala kumpens tal-fatt illi qatt ma kien sar hand over u commissioning testing mis-socjeta' attrici, sabiex is-socjeta' attrici kien ikollha l-konferma li x-xoghlijiet ezegwiti minnha kienu skont kif tirrikjedi s-sengha, t-Tribunal arbitrio boni viri qieghed jillimita l-ammont tat-talba ghall-elf ewro (€1000).*

*Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici in parte u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici limitatament fis-somma ta' elf ewro (€1000,) bl-interessi mid-data tas-sentenza sal-pagament effettiv.*

*Bl-ispejjez sopportati fi kwoti indaqs bejn il-partijiet.*

Rat ir-rikors tal-appell tas-socjeta` kummercjali E.L.V. Engineering Services Limited datat 1 ta' Gunju 2011 fejn talbet lill-Qorti sabiex *in vista* tal-aggravji minnha mressqa tilqa' l-appell taghha u dan billi tirrevoka u thassar is-sentenza appellata.

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tal-24 ta' Novembru 2011.

Rat ir-risposta tal-appell ta' Johann Said datata 27 ta' Gunju 2011 a fol 4 tal-process fejn sostna ghar-ragunjiet hemm indikati li d-decizjoni tat-Tribubal hija gusta u timmerita konferma u ghalhekk l-appell interpost ghandu jigi michud.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fl-24 ta' Novembru 2011 fejn d-difensuri tal-partijiet trattaw il-kaz. L-appell gie differit ghas-sentenza indifett ta' ostakolu ghas-6 ta' Dicembru 2011.

Rat l-atti kollha tal-istess kawza inkluz id-decizjoni tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar fl-ismijiet premessi datata 13 ta' Mejju 2011.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi l-aggravju tas-socjeta’ appellanti huwa li (a) sar tnaqqis tas-somma ta’ €1,164.69 mis-sorte erronjament peress li tali hlas mill-konvenut kien ghas-sistema ta’ bejgh u installazzjoni ta’ *intruder alarm system* li kienet giet installata fid-dar tal-konvenut, sistema li kienet tiswa €1,100. Illi kien hemm kreditu dovut ghall-installazzjoni ta’ CCTV u Hall Porter System tal-valur ta’ €2,852. 37 u wara li tnaqqsu minnu l-ammont ta’ €64.69 dan halla bilanc ta’ €2,787.68, li huwa s-sorte f’din il-kawza; (2) it-tieni lment huwa dwar l-ispejjez fejn qed jinghad li tali spejjez ma ghandhomx jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet, iktar u iktar jekk l-ewwel ilment jigi milqugh.

Illi ghalkemm ma huwiex normali li din il-Qorti tiddisturba l-apprezzament tat-Tribunal, hlief meta jkun hemm ragunijiet gravi li jwasslu sabiex issir ingustizzja bejn il-partijiet jew fejn ikun hemm zball manifest u car, b’mod li d-decizjoni ma’ tkunx tista’ tigi gustifikata bil-parametri tal-provi prodotti, jirrizulta li dan huwa kaz fejn sar zball ta’ dan it-tip.

Illi fil-fatt dwar l-ewwel aggravju ftit hemm x’jinghad peress li jirrizulta li dak li qed issostni s-socjeta’ appellanti huwa korrett u l-hlas maghmula mill-konvenut almenu fis-somma ta’ €1,100 giet adebit darbtejn favurih, wahda bhala hlas ghall-bejgh u installazzjoni ta’ *intruder alarm system* li kienet tiswa €1,100 u mbaghad it-Tribunal Ghal Talbiet Zghar rega’ naqqas din is-somma mis-sorte mitlub bhala bilanc ta’ prezz u installazzjoni ta’ zewg sistemi ohra mibjugha u nstallati mis-socjeta’ attrici lill-konvenut li kellhom prezz ta’ ta’ €2,852. 37 u wara li tnaqqsu minnu l-ammont ta’ €64.69 (li kien il-kumplament tal-hlas li kien ghamel il-konvenut – b’kollox €1,164.69) dan halla bilanc ta’ €2,787.68, li huwa s-sorte f’din il-kawza. Mela allura

mis-sorte miltuba dan l-ammont ma kellux jitnaqqas. Minflok kellha titnaqqas biss is-somma li llikwida t-Tribunal ghal Talbiet Zghar fis-sentenza tieghu tat-13 ta’ Mejju 2011, cjoe’ dik ta’ €687.68 (li huwa tnaqqis li ghamel it-Tribunal mis-somma ta’ €2,787.68 li minnha tnaqqset erronjament is-somma ta’ €1,100, li halliet bilanc ta’ €1,687.68, u mbaghad it-Tribubal rreduca l-ammont li ghandha tithallas is-socjeta’ attrici  ghall dak biss ta’ €1,000 li t-Tribunal naqqas mis-sorte *artbitro boni viri* ghar-ragunijiet indikati fl-istess decizjoni, li dwarhom ma sarx appell quddiem din il-Qorti, u ghalhekk l-ammont attwalment dovut mill-konvenut lis-socjeta’ appellanti huwa dak ta’ €2,100.

Illi in vista ta’ dan anke t-tieni aggravju huwa fondat b’dan li l-ispejjez ghandhom jigu spartiti kwart (1/4) ghas-socjeta’ appellanti u tlett kwarti (3/4) ghall-konvenut f’dak li huma spejjez tal-ewwel istanza, u bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut ghall dawk tal-appell.

## III.   KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad ir-risposta tal-appell tal-appellat datata 27 ta’ Gunju 2011, **tilqa’ l-appell interpost mis-socjeta’ appellanti E.L.V. Engineering Services Limited datat l-1 ta’ Gunju 2011 fir-rikors tal-appell taghha, b’dan li tirriforma d-decizjoni tat-Tribunal Ghal Talbiet Zghar fl-ismijiet premessi “E.L.V. Engineering Services Limited vs Johann Said” (Avviz Numru 917/09/MK) datata 13 ta’ Mejju 2011 fis-sens li t-talbiet tas-socjeta’ appellanti attrici qed jigu milqugha fl-ammont ta’ elfejn u mitt ewro (€2,100) u b’hekk il-konvenut qed jigi kkundannat ihallas lis-socjeta’ attrici l-ammont ta’ elfejn u mitt ewro (€2,100) inkluz il-VAT, rappresentanti bilanc ta’ prezz pattwit ta’ apparat ta’ sigurta’ u nstallazzjoni tal-istess mibjugh u kkonsinjat mis-socjeta’ attrici lill-konvenut.**

**Bl-ispejjez tal-ewwel istanza kwantu ghal kwart (1/4) ghas-socjeta’ appellanti, u tlett kwarti (3/4) ghall-konvenut appellat u bl-ispejjez kollha tal-appell ghall-**

**konvenut appellat, u fic-cirkostanzi tal-kaz bl-imghax legali mid-data tan-notifika tal-Avviz tat-Talba lill-konvenut fit-30 ta' Novembru 2009 sal-effettiv pagament.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------